MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 110/2002

**Carmela sive Karen Azzopardi**

**-vs-**

**Emanuel Azzopardi**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni fejn l-attrici wara li ppremettiet illi z-zwieg apparentament kontratt bejn il-kontendenti fit-tnejn (2) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija tlieta u disghin (1993) kien null minhabba difett fil-kunsens ta' l-attrici li nkiseb bi vjolenza morali da parti tal-konvenut innifsu u da parti tal-membri tal-familja taghha u biza, kif jigi pruvat dettaljatament waqt is-smiegh ta' l-istess kawza.

Illi ukoll il-kunsens tal-kontendenti kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju dwar il-hajja matrimonjali jew dwar id-drittijiet u dmirijiet tal-hajja matrimonjali li taghmilha impossibbli ghall-kontendenti li jaqdu d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg.

Talbet li din il-Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmi zwieg bejn il-kontendenti li sar fit-tnejn (2) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija tlieta u disghin (1993) kien null u bla effett mill-ewwel gurnata tieghu minhabba r-ragunijiet u kawzali fuq imsemmija jew xi wahda jew aktar minnhom, kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut u bl-ingunzjoni ta' l-istess konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Emanuel Azzopardi fejn eccepixxa:

1. illi d-domandi ta' l-attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt in kwantu ma hux minnu li z-zwieg ta' bejn il-partijiet huwa null ghar-ragunijeit allegati mill-attrici sakemm dawna jitfghu xi tort fuq il-konvenut ghalkemm mhux eskluz li z-zwieg jista' jkun null minhabba ragunijiet u difetti attribwibbli unikament lill-attrici.
2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu flimkien mal-lista tax-xhieda.

Rat il-verbali taghha;

Ezaminat ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Din hi kawza ghall-annulament taz-zwieg li gie kkuntrattat bejn il-kontendenti fit-2 ta’ Ottubru 1993. L-attrici bbazat t-talba taghha fuq l-Artikolu 19 tal-Kap 255 senjatament is-subartikolu (i), sub-incizi (a) u (d), li testwalment jaqraw:

Artikolu 19(1)(a): [li zwieg ikun null] ‘jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza’;

Artikolu 19(1)(d): [li zwieg ikun null] ‘ jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg’.

Il-konvenut cahad kull addebitu ta’ xi tort attribbwibbli lilu ghalkemm ma eskludiex li z-zwieg jista’ jkun null minhabba ragunijiet u difetti attribwibbli unikament lil martu, l-attrici.

Issa, huma ta’ min huma n-nuqqasijiet li jiggustifikaw, jekk il-kaz, t-talba ghall-annullament taz-zwieg dawn ghandhom jigu ricerkati fix-xhieda prodotta mill-kontendenti, principalment tal-attrici, li ghandha l-oneru primarju tal-prova, tenut rigward li l-prova ghandha tirrispekkja u tissodisfa l-kriterji tal-Kap 255, fl-Artikolu 19 tieghu, li a bazi tar-ragunijiet biss hemm imfissra jista’ jigi annullat zwieg.

Illi l-attrici tghid li hi kienet harget tqila qabel iz-zwieg, li ma kienx ippjanat, u kienet minhabba t-tqala u pressjonijiet mhux biss minn naha tal-konvenut izda wkoll minn naha tal-familjari taghha, kostretta li tizzewweg. Konsegwentement il-kunsens kemm taghha u kemm tal-konvenut kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni dwar il-hajja matrimonjali jew dwar id-drittijiet u dmirijiet tal-hajja matrimonjali li ghamlitha impossibbli li huma jaqdu d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg.

Issa mill-provi jemergi fattur li fil-fehma ta’ din il-Qorti jissostanzja n-nuqqas ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fiz-zewg partijiet, li kien dak li, minhabba c-cirkostanza tat-tqala, huma dahlu ghaz-zwieg frettolosament u minghajr ma rriflettew sewwa d-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali ta’ zwieg. Dan il-fatt jidher lampanti filli huma la qabel u lanqas wara z-zwieg ma stabbilew relazzjoni bejniethom konformi ma’ l-istat taz-zwieg u baqghu ghaddejjin fil-hajja taghhom qisu ma kien gara xejn, sahansitra njari li kienu ffurmaw familja b’wild li kien twieled fil-frattemp. Ghal din il-Qorti dan ifisser li l-partijiet kienu t-tnejn neqsin mill-maturtia’ di gudizzio u l-maturita affettiva li huma zewg elementi essenzjali ghar-rabta ta’ zwieg.

Inghad dan din il-Qorti tara li hemm ragunijiet bizzejjed u sodisfacjenti li tannulla z-zwieg a bazi ta’ l-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255 izda mhux wkoll taht l-istess citat artikolu fis-subinciz (a) tieghu billi l-provi ma jissuportawx n-nullita’ taz-zwieg ghar-ragunijiet hemm imsemmija.

Ghaldaqstant, taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi, ghall-motivi fuq spjegati, tilqa’ t-talba attrici, tiddikjara z-zwieg kontrattat fit-2 ta’ Ottubru 1993 bejn il-partijiet bhala null u tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------